# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-6 ta' Marzu, 2018.**

**Rikors Numru 567/2013 SM**

**Cassar Fuel Limited**
**(C – 28453)**

**vs.**

**Il-Bastiment bl-isem UNLU 5**
**li ghandu IMO numru 9334415**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-11 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fit-22 t'Ottubru, 2011, is-socjeta` rikorrenti bieghet u kkonsenjat kwantita` ta' *fuel oil* lill-bastiment M/V UNLU 5 ghall-prezz ta' sitta u erbghin elf mija u sebghin dollaru Amerikan, ($ 46,170.00), (ara foll 4 u 5);

1.2. Illi ghalhekk l-imsemmi vapur hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont indikat fil-paragrafu precedenti, ekwivalenti ghal hamsa u tletin elf u seba' mitt euro, (€35,700.00);

1.3. Illi ghalkemm interpellat biex ihallas l-ammont dovut, baqa' inadempjenti;

1.4. Illi l-ammont *de quo* dovut favur is-socjeta` rikorrenti hu cert, likwidu u dovut, u ghalhekk hemm l-elementi kontemplati fl-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12);

1.5. Illi in effetti l-bastiment in kwistjoni iddepozita is-somma fuq indikata permezz ta' cedola fl-atti tal-mandat kawtelatorju numru 762/13, (ara foll 6);

1.6. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti biex:

1.6.1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12;

1.6.2. Tiddikjara li l-bastiment intimat ghandu jaghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma fuq indikata ta' €35,700.00 oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-effettiv pagament;

1.6.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma indikata fil-paragrafu precedenti u tawtorizza lill-istess socjeta` tizbanka c-cedola fl-istess ammont depozitat fl-atti tal-mandat kawtelatorju numru 762/13, oltre l-imghaxijiet kummercjali dovuti sad-data tal-pagament effettiv;

1.6.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess bastiment intimat;

2. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 7);

3. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Lulju, 2013, u ghar-raguni hemm indikata ordnat li l-kawza titkompla bid-dispensa tas-smigh kif mitlub mis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 11);

4. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat id-9 t'April, 2014, li permezz tieghu iddikjaraw li x-xhieda kollha fil-kawza hemm indikata, Rikors Numru 224/12, japplikaw ukoll ghal din il-procedura, (ara foll 37);

5. Tirreferi ghad-digriet taghha fl-atti tar-Rikors indikat fil-paragrafu precedenti datat it-22 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu, wara talba konguntiva tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat in-nomina tal-espert tekniku hemm riferit, (ara foll 52);

6. Rat ir-relazzjoni peritali datata z-17 ta' Frar, 2014, (ara foll 44);

7. Rat id-digriet taghha datat it-12 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tal-bastiment intimat, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 131);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-bastiment intimat datata l-31 ta' Jannar, 2017, (ara foll 134), u dik tas-socjeta` rikorrenti kif estiza, datata d-9 ta' Marzu, 2017, (ara foll 147 u 148), flimkien ma dik debitament awtorizzata tal-bastiment intimat datata s-6 t'April, 2017, (ara foll 147 u 179);

9. Semghet ix-xhieda prodotta, inkluzi dawk *in atti* fir-Rikors Numru 242/2012;

10. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi dawk esebiti fl-atti tar-Rikors indikat fil-paragrafu precedenti;

11. Rat il-verbal datat l-24 t'Ottubru, 2017, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet minnhom prezentati;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

12.1. Illi l-procedura odjerna tirrgwarda talba sottomessa mis-socjeta` rikorrenti ghal hlas rigwardanti l-ammont ta' zejt li s-socjeta` rikorrenti bieghet u ikkonsenjat lill-bastiment intimat, (ara foll 1);

12.2. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti qeghda hawn titlob il-pagament dovut ghall-istess mill-bastiment intimat, (ara foll 1);

12.3. Illi s-socjeta` rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha fuq il-fattura minnha pprezentata datata t-22 t'Ottubru, 2011, (ara foll 4), u fuq il-*"Bunker Delivery Note"*, (ara foll 5);

12.4. Illi min-naha tieghu l-bastiment intimat isosstni li l-vertenza tirrigwarda relazzjoni bejn is-socjeta` rikorrenti s-socjeta` *Omega Bunker S.r.l. stante* li l-bastiment intimat kien ghadu kemm xtara l-istess konsenja zejt mill-imsemmija socjeta`;

12.5. Illi *stante* li din hi procedura *in rem* ghandhom jigu sodisfatti r-rekwiziti elenkati fl-artiklu 742 D tal-Kap 12;

12.6. Illi s-socjeta` rikorrenti naqset li tinforma lill-qorti li hemm proceduri separati kontra s-socjeta` *Omega Bunker S.r.l.* u li hemm kontestazzjoni serrata fuq l-istess;

12.7. Illi *di piu`* jallega li gie notifikat erroneament *stante* li minflok li gie notifikat hu, kien notifikat l-avukat tieghu;

13. Illi fir-rigward tal-kwistjoni tar-relazzjoni guridika li s-socjeta` rikorrenti qed tassumi li tesisti bejnha u l-bastiment intimat, issir referenza ghad-decizjoni tal-**Qorti tal-Appell (Inferjuri)** fl-

ismijiet **Burmarrad *Commercials Limited*** vs. **Desmond Mizzi *et***, datata t-28 ta' Frar, 2007, li tghid is-segwenti:

> "L-ewwelnett, b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem dak l-att jew pluralita` ta' atti konnessi li jimmiraw ghall-produzzjoni ta' effett guridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg suggetti jew aktar. Tali att jew atti huma, imbaghad, ravvizabbli minn manifestazzjoni ta' volonta`, ossija ta' dik l-imgieba li in bazi ghac-cirkostanzi li fih tavvera fit-traffiku guridiku tnissel fid-destinatarju t-tifsira li l-parti trid tipproduci l-konsegwenzi guridici predetti";

Ikkunsidrat:

14.0. Illi mill-atti prodotti jirrizulta s-segwenti:

14.1. Illi s-socjeta` rikorrenti irrilaxxat fattura datata t-22 t'Ottubru, 2011, ghaz-zejt in dizamina, (ara foll 4);

14.2. Illi l-istess fattura jirrizulta li din inharget favur il-bastiment M/V Unlu 5 C/O *Omega Bunker S.r.l.*, (ara foll 4);

15. Illi pero` f'dan ir-rigward jigi sottolineat li fattura hi dokument rilaxxat unilateralment mill-istess socjeta` rikorrenti u m'ghandha l-ebda valur probatorju fid-determinazzjoni tar-relazzjoni guridika bejn il-partijiet;

Ikkunsidrat:

16. Illi s-socjeta` rikorrenti tissottometti f'dan ir-rigward li kien l-istess Kaptan tal-bastiment intimat li ffirma l-*"Bunker Delivery Note"* datata t-22 t'Ottubru, 2011, (ara foll 5);

17. Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti issosstni li l-Kaptan rabat lill-istess bastiment bit-termini u l-kondizzjonijiet inkluzi fl-istess *"Delivery Note"*, (ara foll 149);

18. Illi in vista tal-istess, skont is-socjeta` rikorrenti, fih innifsu dan jikkostitwixxi vinkolu legali favur taghha, u allura hu l-bastiment *de quo* li hu tenut ihallas ghall-istess zejt hekk lilhu kkonsenjat;

Ikkunsidrat:

19. Illi ghandu immedjatament jigi sottolineat li l-fatt li *"delivery note"* tigi iffirmata mal-konsenja tal-prodott ma jfissirx li dan awtomatikament irendi lill-bastiment in dizamina partecipi fin-negozju bhala wiehed mill-kontraenti;

20. Illi ghandu jkun pacifiku li "*delivery note*" fiha nnifisha hi biss prova tal-konsenja;

21. Illi kuntrarjament ghal dak li qed issosstni is-socjeta` rikorrenti, dan ma jfissirx li b'daqshekk inholqot relazzjoni guridika bejn il-partijiet f'din il-procedura;

22. Illi ghalhekk f'dan il-kaz tali firma tal-Kaptan tal-bastiment intimat tfisser biss li hu qieghed jaccetta li z-zejt *de quo* gie ikkonsenjat lilu;

Ikkunsidrat:

23. Illi ghalhekk it-tezi li l-bastiment intimat isosstni, senjatament, li qatt ma kien hemm relazzjoni guridika bejnhu u bejn is-socjeta` rikorrenti, hi aktar verosimili;

24. Illi in effetti, s-socjeta` rikorrenti naqset li tipprova l-ezistenza ta' ness kontrattwali bejniethom u konsegwentement, it-tezi taghha ma treggix;

Ikkunsidrat:

25. Illi kuntrarju ghat-tezi sostenuta mis-socjeta` rikorrenti mill-*"bunker confirmation"* datat iz-19 t'Ottubru, 2011, (ara foll 19), jirrizulta li s-socjeta` *Omega Bunker S.r.l.*, bhala *"bunker trader"*, kienet bieghet il-konsenja ta' zejt li hi xtrat minghand is-socjeta` rikorrenti lis-sidien tal-bastiment intimat, u li kien proprju ghalhekk li l-istess socjeta` *Omega Bunker S.r.l.* li tat

struzzjonijiet lis-socjeta` rikorrenti biex l-istess zejt tikkonsenjah lill-bastiment intimat;

26. Illi *di piu`* hu l-istess *"Chief Executive Officer"* tas-socjeta` rikorrenti li jikkonferma s-segwenti:

> "Mistoqsi minn huma x-xerrejja tal-*"fuel"* in dizamina u fuq liema *"account"* jidher dan il-bejgh ... nghid illi dan id-dokumenti huwa indirizzat lil Kaptan lis-sid u lic-"Charterer" ta' UNLU 5 bix-xerrej tal-istess tkun is-socjeta` *Omega Bunker* u ghak-kont fuq *Omega Bunker* stess", (ara foll 32);

27. Illi fid-dawl tal-istess, allura ghandu jkun ovvju li l-bastiment intimat hu estraneu ghar-relazzjoni kontrattwali li inholqot bejn is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` *Omega Bunker S.r.l.*;

Ikkunsidrat:

28. Illi ghall-fini ta' kompletezza zzid tissottolinea li l-argument li s-socjeta` rikorrenti ssosstni fin-nota ta'sottomissjonijiet taghha li l-bastiment intimat seta jressaq procedura indipendenti biex jitlob ghad-danni u hsarat, (ara foll 149), hu irrilevanti, insosstenibbli u in effetti, jammonta ghal ammissjoni da parti taghha li t-tezi minnha hawn sostenuta ma treggix;

29. Illi ghandu jirrizulta pacifiku li meta mandat jigi akkolt jew respint, dan isir minghajr pregudizzju ghal dak li jigi eventwalment deciz fil-kawza sussegwenti dwar il-mertu;

30. Illi kif jigi sottolineat fl-istess proceduri ta' mandat kawtelatorju, l-istharrig li jigi kondott minn qorti kolpita b'talba ghall-hrug ta' tali mandat tkun biss wahda in *prima facie* u dan, *stante* li l-mertu veru u proprju jigi ezaminat *funditus* fil-kawza proprja li tigi wara;

31. Illi *di piu`*, jigi sottolineat ukoll li dak li l-qorti tista' tasal ghalih fil-procedura ta' natura sommarja ta' mandat kawtelatorju bl-ebda mod m'ghandha titqies li hi vinkolanti fuq l-eventwali gudizzju li jista' jinghata fil-procedura fil-mertu;

Ikkunsidrat:

32. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ma rnexxiliex tipprova li l-bastiment intimat kien involut fin-negozju in dizamina u konsegwentement tiddikjara li ma tirrizulta l-ebda rabta kontrattwali bejn il-bastiment intimat u s-socjeta` rikorrenti;

33.0. Illi konsegwentement:

**DECIDE:**

33.1. Takkolji l-ewwel (1) eccezzjoni tal-bastiment intimat kif kontenuta fil-paragrafu numru 3 a foll 15;

33.2. Tiddikjara li ma hemm l-ebda ness guridiku bejn il-partijiet kontendenti *stante* li ma irrizultat l-ebda rabta kontrattwali bejn l-istess kontendenti;

33.3. Tirrespingi ghalhekk it-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

33.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` rikorrenti.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**